## 19 ta' Ġunju, 1989

## Imħallef: –

## Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)

Il-Pulizija

*versus*

Noel Zarb Adami

**Ċitazzjoni – *"Ordine A Comparire"* – Rekwiżiti taċ-Ċitazzjoni**

*It-taħrika quddiem il-Qorti tal-Maġistrati m'hemmx għalfejn issir skond xi formula sagramentali bil-preċiżjoni kollha. Iċ-ċitazzjoni hija ordni lill-imputat biex jidher, b'dan li fl-ordni għandu jkun hemm biżżejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hix għandu jwieġeb sew, tant li jekk issir xi bidla fit-taħrika l-imputat jista' jitlob biss differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu tajjeb.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-8 ta' Frar, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Noel Zarb Adadmi li biha, fuq l-eċċezzjoni tad-difiża ssollevata fit-8 ta' Frar, 1989 fejn eċċepiet in-nullità taċ-ċitazzjoni u notifika ta' l-istess, stante li ma tindikax il-Qorti skond il-Kodiċi Kriminali u Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li kien jinsab allegatament imħarrek li kellu jidher fiha, wara li rat l-art. 4 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' l-art.

367(2) tal-Kap. 9 stante li jirriżulta li fiċ-ċitazzjoni kif notifikata lill-imputat ma tidhirx il-Qorti fejn għandu jidher, laqgħet l-eċċezzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali mnejn l-aggravju jirriżulta li hu s-segwenti:

''L-ewwel Onorabbli Qorti applikat u interpretat ħażin il-liġi meta laqgħet l-eċċezzjoni u interpretat ħażin il-liġi meta laqgħet l-eċċezzjoni ta' nullità u konsegwentement mhux biss il-Pulizija Esekuttiva ma tħallietx iġġib 'il quddiem il-provi li kellha sabiex issaħħaħ l-akkuża iżda dik il-Qorti addirittura abdikat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq ir-reati addebitati lill-akkużat, u dana għar-raġunijiet segwenti:

A. Huwa minnu li **l-kopja** taċ-ċitazzjoni (jiġifieri dik li tiġi mqiegħda a disposizzjoni tal-Maġistrat u eventwalment tidħol fl-atti – għax la l-oriġinal taċ-ċitazzjoni u anqas ''in-notifika ta' l-istess'' *(sic)* ma ġew esibiti mill-akkużat quddiem l-ewwel Qorti) wara l-kliem ''Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' '' fiha spazju vojt, iżda qatt ma ġie ppruvat li fl-oriġinal taċ-ċitazzjoni li tispiċċa f'idejn l-akkużat dana l-ispazju wkoll tħalla vojt, u dana għar-raġuni, kif ġà ntqal, li din qatt ma ġiet esibita fil-Qorti. Il-liġi tirrikjedi mhux sempliċi allegazzjoni, iżda prova;

B. Illi apparti dan, ir-rekwiżiti taċ-ċitazzjoni ma joħorġux mill-artikoli ċitati mill-ewwel Qorti fid-deċiżjoni taghha, iżda mill-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali. Eżami akkurat tal-kliem ta' dana l-artikolu juri biċ-ċar li anke **l-kopja** esibita fl-atti tissodisfa *in toto* r-rekwiżiti ta' dana l-artikolu;

Ċ. Anke li kieku, għall-grazzja ta' l-argument, kien hemm

xi wieħed mir-rekwiżiti karenti, hu risaput li fil-kawżi sommarji, sakemm il-liġi ma tikkomminax espressament in-nullità, kwalsiasi difett jista' jiġi korrett fuq talba tal-prosekuzzjoni magħmula quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza, b'dan però li jekk bil-korrezzjoni *kif mitluba u milqugħa*, l-*akkuża tinbidel* sostanzjalment b'mod li l-akkużat jista' jkun preġudikat fid-difiża tiegħu, allura l-akkużat ikollu dritt għal differiment u għal *notifika* mill-ġdid. Issa, l-akkużat joqgħod Malta; l-akkużi jirreferu għal inċident li ġara Malta (l-esponent ma jaf b'ebda "Mosta" f'Għawdex); u għalhekk hu diffiċli wieħed jifhem, *se mai,* xi preġudizzju seta' jsofri l-akkużat bil-"korrezzjoni" taċ-ċitazzjoni kif miltuba mill-uffiċjal prosekutur quddiem l-ewwel Qorti. A skans ta' ħafna ripetizzjoni jiġu senjalati s-segwenti diċizzjonijiet;

Antonio Debattista *vs* Elena Bonnici 26-11-38 – Vol. XXX.IV.587
Reġina *vs* Wistin Mifsud 18-4-55 – Vol. XXXIX.IV.911
P. *vs* Catherine Farrugia *et* 31-1-59 – Vol. XLIII.IV.935
P. *vs* Toni Mifsud 16-5-53 – Vol. XXXVII.IV.1093
P. *vs* Ġanni Pirotta 16-5-53 – Vol. XXXVII.IV.1095

D. Illi hu paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li ċ-ċitazzjoni, fil-kawżi kriminali sommarji, hi sempliċement "*un ordine a comparire*". Iċ-ċitazzjoni ma tifformax il-bażi ta' l-akkuża (bħalma hu l-każ ta' l-Att ta' l-Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali); din, jiġifieri, l-akkuża, tiġi profferita fil-Qorti meta tinqara mill-Prosekuzzjoni. Dana l-punt ġie maġistralment spjegat minn dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Arthur S. Mortimer A & C.E.", Vol. XXXIII.IV.758. F'din is-sentenza wieħed isib ukoll kwotazzjoni minn sentenza preċedenti fejn jingħad espressament:

*"…..le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali riferentisi alla citazione non sone essenziali. La citazione è l'ordine della Polizia Esecuttiva all'imputato di comparire in giudizzio, essa non è che un modo di presentazione del giudicabile all'autorità giudizziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale è lo scopo ed il carattere della citazione, punto modificato dalla innovazione legislativa della indicazione della particolarità e della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di render l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioè di cui egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa";*

Issa, fit-8 ta' Frar, 1989, **il-ġudikabbli deher quddiem il-Qorti** li kienet kompetenti li tieħu konjizzjoni tar-reati addebitati u kellha ġurisdizzjoni fuqhom u għalhekk il-funzjoni essenzjali taċ-ċitazzjoni kienet ġiet eżawrita, u l-Qorti kellha l-obbligu li tibqa' għaddejja u tisma' l-kawża u mhux tintilef f'eċċezzjonijiet ta' nullità u talbiet għall-korrezzjoni. Kien ikun, forsi differenti li kieku l-akkużat assuma atteġġjament ta' kavernikolu, ma deherx quddiem il-Qorti, u wara li nġieb b'mandat, ipprova jiġġustifika n-nuqqas tiegħu bl-iskuża, alkwantu frivola, li ma kienx jaf kellux jidħol il-Belt jew jaqbad il-vapur għal Għawdex";

Ittrattat l-appell:

Ikkunsidrat:

Dwar il-fatti, jirriżulta illi l-appellant kien imħarrek biex iwieġeb għal akkuża rigwardanti t-traffiku skond il-formola fil-proċess "sabiex tidher quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta'                    " iżda l-kelma "Malta" baqgħet ma

ntlietx fil-formola. Il-kwistjoni kollha qiegħdha hawn: bħala fatt il-kelma "Malta" *baqgħet barra* – dan iwassal għan-nullità taċ-ċitazzjoni?

L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li qegħdin fil-qiegħ tal-kwistjoni huma l-artikoli 360 u l-artikolu 367 għalhekk jeħtieġ li dawn ikunu ċari quddiem il-Qorti; l-artikolu 360 jgħid dan:

"(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skond il-*liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija* Esekuttiva għandha, bl-ordni bil-miktub tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja;

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet taż-żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li *tidher, hija tiġi arrestata b'mandat* tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat";

Min dan l-artikolu jirriżulta ċar illi t-taħrika irid ikun fiha indikat ċar li l-imputat għandu jidher "quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja". Issa l-Qorti tal-Pulizija Ġudizzijarja hija definita ċar bit-tieni inċiż ta' l-artikolu 367 li jgħid dan:

"(2) Il-Qrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, huma tnejn, jiġifieri, waħda għall-Gżira ta' Malta u l-oħra għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna";

Mela l-imputat li huwa mħarrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzijara jaf awtomatikament illi l-Qorti tal-

Pulizija Ġudizzjarja hija dik ta' Malta u dik ta' Għawdex. Għalhekk isegwi loġikament li l-formola kien fiha l-kliem rikjest mil-liġi, "quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja". tradizzjonalment il-Qrati tagħna kkonfortati mis-sentenzi ta' din il-Qorti *(Vide* partikolarment Il-Pulizija (Spettur Amadeo Caruana) kontra Arthur S. Mortiner, A & C.E. Vol. XXXIII.IV.758) dejjem ħaduha li taħrika quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja m'hemmx għalfejn issir skond xi formola sagramentali bil-preċiżjoni kollha; hija ordni lill-imputat biex jidher b'dan li fl-ordni għandu jkun hemm biżżejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hix għandu jwieġeb sew, tant li jekk issir xi bidla fit-taħrika l-imputat jista' jitlob biss differiment biex ikun jijsta' jipprepara d-difiża tiegħu tajjeb. F'dan ir-rigward jingħad li din hi d-differenza kbira bejn it-taħrika quddiem il-Qrati Inferjuri u l-Att ta' l-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali;

Sadanittant għandu jingħad li fl-ewwel udjenza tal-11 ta' Mejju, 1988, għalkemm l-appellant jista' jkun li ma deherx, intalab differiment fl-interess tiegħu, u fit-tieni udjenza tat-8 ta' Frar, 1989, l-appellant deher flimkien mad-difensur tiegħu u ngħatat l-eċċezzjoni bażi ta' dan l-appell. Peress li l-akkużat deher, il-Qorti ma setgħetx tgħaddi għall-arrest tiegħu biex iwieġeb skond il-liġi (l-artikolu 360(2) u l-artikolu 364 tal-Kodiċi Kriminali);

Jidher ċar minn dan kollu li la l-appellant deher ikkonforma ruħu ma' l-ordni biex jidher li kienet **debitament** mogħtija lilu u l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet liberament tibqa' għaddejja billi tiċħad l-eċċezzjoni li kienet ipprospettata lilha u dan għax ma kien hemm ebda motiv tan-nullità fil-fatt li l-kelma "Malta" tħalliet barra. L-imputat kien tħarrek għal quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja u deher quddiemha u dan loġikament għax

it-taħrika kienet dwar reat li allegatament kien sar Malta fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta u mhux f'dik il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna u barra minn dan, kemm hu, kemm id-*driver* tal-vettura l-oħra involuta f'dan l-inċident tat-traffiku kienu joqogħdu Malta;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi li għandha taċċetta l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u wara li rat l-artikolu 428(4) tal-Kodiċi Kriminali, terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Inferjuri biex tkun ittrattata u deċiża skond il-liġi.